**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1183/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**CARMELO SAMMUT**
**(Karta tal-Identita’ numru: 229764M)**

**Illum, 3 ta’ Settembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat CARMELO SAMMUT iben John Mary u Josephine nee’ Borg imwieled Pieta’ nhar it-22 ta’ April, 1964 detentur tal- karta ta’ l-identita’ bin-numru 229764(M) gie mressaq quddiemha w akkuzat talli nhar il-31 ta’ Ottubru, 2013 ghall-habta tas-sebgha w ghaxra ta’ filghaxija (07:10pm) gewwa Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar:

1. Volontarjament ikkommetta hsara li tammonta ghal sitt mija w sittin Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€660.47c) fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Platz bin-numru tar-registrazzjoni GBD 198 a detriment ta’Francis Pace.

2. Talli ikkaguna lil Dorianne Sammut biza’ illi ser tintuza vjolenza kontriha u kontra l -propjeta’ taghha;

3. U talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tal-imputat, sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Dorianne Sammut, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom att mill-estratt tat-twelid tal-imputat markat bhala Dok CSH, il-Fedina Penali mmarkata bhala Dok CSH1, il-kunsens ta l-Avukat Genrali sabiex din il-kawza tigi trattata b’mod sommarju mmarkat bhala Dok CSH 2, stima tal-hsarat mahruga mis-socjeta Michael Debono Limited datata l-1 ta Novemberu 2013 mmarkata bhala Dok CSH3, l-okkorrenza mehuda minn PS 1300 Julian Fenech immarkata bhala Dok CSH 4 u l-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok CSH 5.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru 2014.**

Ikkunsidrat.

**L-Ispettur Sandra Zammit** xehdet fit-3 ta' Gunju, 2014 u kkonfermat l-akkuzi li kienet harget fit-28 ta' Novembru, 2013 kontra l-imputat li gharfet prezenti fl-Awla bhala Carmelo Sammut.

Spjegat li nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru, 2013 ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart (19:45) ta' filghaxija Dorianne Sammut detentrici tal-karta tal-identita' numru 165076 (M) marret tirrapporta l-Ghassa tal-Qawra illi aktar kmieni, ghall-habta ta' xi s-sebgha w ghaxra (19:10) ta' fil-ghaxija kienet marret sabiex tigbor iz-zewg uliedha minghand l-eks-ragel taghha Carmelo Sammut, fejn hi kienet fil-karozza taghha tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni GBD-198. Spjegat illi hi u r -ragel taghha kienu qed jitkellmu w inqala' argument bejniethom, fejn qalet li f'hin minnhom sar aggressiv u ta xi daqqiet fuq il-karozza taghha. Qalet li kien hemm tisbita b'idejh fuq il-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug u daqqa ohra fuq il-bagoll ta' wara. Tghid ukoll illi dan kollu gara quddiem iz-zewgt itfal taghhom. Qalet ukoll illi dak il-hin imbaghad Carmelo Sammut telaq minn fuq il-post u ghaldaqstant telqet lejn l-Ghassa tal-Qawra sabiex taghmel rapport.

Ix-xhud kompliet li Carmelo Sammut ukoll mar l-Ghassa jaghmel rapport fejn qal li l-eks-mara tieghu kienet qalet xi kliem offensiv fil-konfront tieghu, mentri Dorianne irrappurtat il-hsara li kienet saritilha minn Carmelo fuq il-vettura taghha. Il-Pulizija talbet lil Dorianne sabiex iggib stima ta' din il-hsara fejn fil-fatt haditilhom stima mahruga minn Michael Debono Limited illi tammonta ghal sitt mija w sittin Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€660.47). In segwitu' x-xhud baghtet ghal Carmelo Sammut l-Ghassa u dan kien fl-14 ta' Novembru 2013 fejn kienet haditlu sqarrija fil-prezenza ta' PC 75 wara li kien gie moghti lilu s-solitu dritt u twissija skond il-ligi.

Tghid illi l-imputat Carmelo Sammut beda jispjegalha kif kien gara l-argument u qal li l-eks-mara tieghu kienet tigbor it-tfal u li l-argument kien inqala' minhabba xi Kontro-Mandat ta' xi karozzi. Rigward il-hsara hu qal li dawn il-hsarat diga' kienu fuq il-karozza. Tghid illi hi mbaghad ipprocediet sabiex tohrog l-akkuzi.

Tghid illi m'ghandhiex dikjarazzjoni tar-rifjut ghaliex din il-fakulta' inghatat lill-imputat qabel ma huwa rrilaxxa din l-istess stqarrija w tirrizulta mill-istess priambolu tal-istqarrija.

**PS 1300 Julian John Fenech** xehed fil-5 ta' Awwissu, 2014 u kkonferma illi nhar il-31 ta' Ottubru 2013 Dorianne Sammut kienet marret taghmel rapport l-ghassa, w dan ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (19:45).

Jghid illi fil-fatt din kienet irrappurat illi ftit aktar kmieni meta marret tigbor it-tfal taghha minghand zewgha l-imputat Carmelo Sammut minn gewwa Triq il-Frejgatina, San Pawl il-Bahar, inqala' argument bejniethom u waqt l-argument Carmelo Sammut ta daqqa ta' ponn fuq il-bieba tan-naha tax-xellug ta' quddiem kif ukoll fuq il-bagoll tal-vettura. Ikkonferma li kien hemm zewg ghafsiet wahda fuq il-bagoll u l-ohra fuq il-bieba.

In segwitu' jghid li talabha sabiex tmur tigbor stima ta' dawn il-hsarat u fit-3 ta' Novembru 2013 gabitlu stima minghand Michael Debono Limited u kkonferma li l-ammont hemma indikat huwa ta' sitt mija w sittin Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€660.47) skond ma jirrizulta

mid-Dokument CSH 3 esebit a fol. 16 tal-process. Jghid illi huma ma kienux hadu rittratti tal-vettura.

Ix-xhud gie muri r-ritratt CSH u dwar dan jghid li fir-ritratt ma jidhirx *number plate* u ma jafx jekk it-tghattina kinitx kbira daqshekk. Jghid illi hu ma jistax jaghraf li din hija l-istess daqqa. Jghid illi d-daqqa li ra hu kienet maghmula bl-idejn, din ghalih ma tidhirx li hi maghmulha bl-idejn.

Jghid illi dakinhar waqt li Dorianne Sammut kienet qed taghmel ir-rapport taghha kien dahal ukoll l-imputat l-ghassa. Hu kien ikkonferma li dakinhar inqala' argument bejniethom u qal li effettivament martu kienet offendietu w lilu talbitu biex johrog l-akkuzi. Izid li l-imputat fl-ebda hin m'accetta li hu ta xi daqqa fil-karozza, anzi kien cahad. Jghid illi wara dakinhar ma kienx rega' kellmu.

**Dorianne Sammut** xehdet fil- 5 ta' Awwissu, 2014 u stqarret li hija l-mara ta' l-imputat odjern u fil-prezent tinsab ghaddejja bis-separazzjoni minn mieghu. Tghid illi waqt li hi kienet barra l-Awla tal-Qorti hareg l-imputat u bezaq mal-hajt fejn kienet bilqieghda m'ohtha. Tghid ukoll illi meta gew biex jidhlu fl-Awla biex jaraw jekk hux ser issir is-seduta, ta daqqa lil ohtha bil-genb tieghu u baqa' diehel.

**Dorianne Sammut** regghet kompliet tixhed fil-5 ta' Awwissu, 2014 u spjegat li matul il-proceduri ghas-separazzjoni taghha minn mal-imputat, l-imputat inghata access biex jara lil uliedhom darbtejn fil-gimgha nhar ta' Tlieta w nhar ta' Hamis bejn it-tlieta w is-sebgha ta' filghaxija. Tghid li qabel sehh l-incident, kienet ittella' t-tfal hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat fit-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00) u l-

imputat kien imur hemmhekk jiltaqa' maghha biex jigbor it-tfal imbaghad kienet tmur tigborhom fis-sebgha mir-residenza li kellhom.

Tghid illi fil-31 t'Ottubru 2013 marret gewwa d-dar matrimonjali fejn kien qed jirrisjedi zewghha u pparkjat fejn hemm dahla tal-garages. Cemplet il-qanpiena u regghet dahlet fil-karozza. Tghid illi s-soltu jinzel bit-tfal u jitlaq u hi titlaq ukoll. Izda dakinhar ried ikellimha ghaliex kienu qeghdin jittantaw jaghmlu transazzjoni bonarja w xtaqet tkellmu fuq il-manteniment ghaliex hu ghadu s'issa ma jghatihiex manteniment. Izda fil-pront ir-ragel qabzilha fuq kwistjoni ta' mandati li kienet ipprezentat fil-konfront tieghu u wegbitu '*Mhux int gbidt tmien mitt elf Ewro (€800,000) mill-bank'*. Tghid illi taf li qabziltu c-cinga, ta daqqa fuq il-bieba tal-passiggier u hi dak il-hin startjat u saqet 'l hemm.

Tghid illi li l-imputat gera warajha w ta daqqa ohra fuq il-*bonnett* fuq il-bagoll,(booth). Dak il-hin kien hemm ukoll it-tfal fil-karozza.

Tghid illi dak il-hin it-tifla kienet bilqeghda fuq is-*seat* tal-passiggier quddiem, u li l-imputat beda jidghi u anke qal li ser jahraq kull m'ghandu. Saqet u baqghet sejra l-Ghassa biex taghmel rapport, cemplet ukoll lil ohtha li kienet Bugibba biex tmur sa hdejha ghaliex kienet xi ftit stressjata.

Tghid li lis-Surgent urietu d-daqqiet u kien baghatha taghmel stima.

Rigward Dokument CSH3 a fol. 16 tghid illi fil-fatt din hija l-istima li inghatat lilha. Rigward ir-ritratti mmarkati Dok CSH1, X u Y tghid illi dawn huma r-ritratti tal-vettura taghha w fil-fatt qed taghraf id-daqqa proprju fuq ir-ritratt tal-vettura taghha markat Dok Y. Tghid ukoll li

fuq r-ritratt immarkat Dok Z hemm id-daqqa fuq il-*booth*. Tghid illi sa fejn taf hi l-vettura ma kellhiex aktar daqqiet qabel l-incident mertu tal-kawza. Rigward id-dokument CSH1 tghid li jista' jkun li n-*number plate* giet mghawga b'daqqa '*parking ma parking'*.

Tghid illi hi personalment qatt ma hadet il-karozza taghha ghand Walter's Garage sabiex tissewwa, pero' jista' jkun li hadu xi karozzi ohra, ghalkemm mhux hi imma zewgha. Tghid illi l-vettura Toyota Platz mhux taghha izda ta' missierha w jista' jkun li fil-passat ha din il-vettura biex tissewwa ghand Walter's Garage kif ukoll ghand L&A Garage pero' dwar dan mhix certa. Izda hi taf li missierha l-*parts* kollha minghand tat-Toyota jixtrihom, izda mhix tichad li l-karozza setghet xi drabi ssewwiet ghand Walter's Garage jew L&A Garage.

Tghid illi n-negozju tar-ragel taghha huwa tal-karozzi w ghalhekk m'hix ser tmur ghand dawn in-nies li jahdmu mar-ragel taghha. Hi hasset li jekk tmur ghand tat-Toyota tkun imparzjali. Tghid illi zewgha huwa vjolenti. Rigward id-dokument SP tghid li huwa rikors li gie pprezentat quddiem il-Qorti tal-Familja w tikkonferma li l-kontenut tieghu huwa veritier u r-risposta li giet ipprezentata minn zewgha hija mmarkata bhala dokument SP1, filwaqt li d-digriet huwa SP2.

Tghid illi hi ilha tuza l-karozza ta' missierha kemm ilha li telqet mid-dar cioe' xi sena u nofs, u tikkonferma li din il-vettura ma kellhiex daqqiet ohra.

**Joseph Vella** xehed fl-5 ta' Awwissu, 2014. Jghid li hu jahdem bhala *surveryor* ma' Michael Debono Limited. Fir-rigward tal-istima esebita fl-atti w immarkata bhala CSH 3 a fol. 16, jispjega li kien ezamina l-

vettura tal-ghamla Toyota Platz GBD-198 u dana fl-1 ta' Novembru 2013 u kkonkluda li l-hsarat li kellha il-vettura stmahom ghal prezz ta' sitt mija w sittin Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€660.47). Jghid illi hemm hsara fuq il-bagoll fuq wara tal-vettura fis-sens ta' daqqiet u fuq in-naha ta' quddiem fuq in-naha tal-passiggier.

Fir- rigward ir-ritratt immarkat dok CSH, jghid illi hu kien gibed erbatax-il ritratt ta' din il-vettura, liema ritratti gew immarkati mill-Qorti bhala DOK CSH1 komplessivament.

Jghid illi d-daqqa fuq il-bagoll tidher fuq in-naha ta' wara hdejn il-fanal u fil-fatt tidher cara fir-ritratt li gie markat bhala DOK X. Ix-xhud indika r-ritratt Y partikolarment id-daqqa fuq in-naha tal-bieba w sostna li din id-daqqa ma tidhirx li saret permezz ta' karozza ohra. Jghid li hu ma jistax jghid kif gew ikkagunati d-danni w inoltre qal li jista' jkun li l-karozza kellha xi daqqiet ohra, pero' hu analizza biss dawk li gie mitlub janalizza.

Jghid li l-karozza hadithielu mara, klijenta tal-garaxx u li din kienet l-ewwel darba li raha. Rigward l-istimi l-ohra esebiti fl-atti u mmarkati bhala Dok. ED1 u ED2 qal li ma jista' jghid xejn dwarhom ghax ma jitkellimx fuq stimi ta' haddiehor u lanqas dwar il-garaxxijiet minn fejn inhargu ma jaf.

**Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta** xehdet, fis-7 ta' Ottubru, 2014. Tghid illi giet mitluba taghti nformazzjoni dwar vettura tal-ghamla Toyota Platz Numru ta' Registrazzjoni GBD-198. Tghid illi fil-fatt fil-31 ta' Ottubru 2013 din il-vettura kienet registrata f'isem Francis Pace ID card Number 195451(M).

**Joseph Zammit** xehed ftl-12 ta' Frar, 2015. Jghid li kien gie nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina l-vettura in kwistjoni tal-ghamla Toyota Platz Numru GBD-198 u dan b'digriet taghha tal-5 t'Awwissu 2014 u dan sabiex jaghmel ezami fuq il-vettura u jikkonkludi x'tip ta' hsarat fiha. Jghid illi fuq din il-vettura kien hemm diversi grif u taghtin fuq in-naha tax-xellug fuq il-bieba tal-passiggier. Jghid illi hu kien ha konjizzjoni tal-istima esebita w irriduciha ghal mija w hamsin Ewro (€150). Esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. JZ. Jghid illi l-vettura in kwistjoni hija f'kundizzjoni tajba hafna, l-uniku hsarat huma fil-fatt dawk iz-zewg taghtiniet li jehtieg ix-xoghol ta' *panel beating* u *spray* biex jittrangaw.

**Francis Pace** xehed fit-12 ta' Frar, 2015. Jghid illi hu ghandu l-vettura tal-ghamla Toyota Platz bin-numru ta' registrazzjoni GBD-198, izda llum il-gurnata din il-karozza tinstaq mit-tifla tieghu Dorianne Sammut. Jghid ukoll illi hu qatt ma rrapporta lill-Pulizija dwar xi hsara fuq din il-vettura. Jghid li fil-fatt din il-vettura ilha fil-pussess ta' bintu ghal aktar minn sena.

Jghid illi l-hsarat huma minimi konsistenti f'daqqa fuq il-bieba tal-passiggier u daqqa fuq it-*trunk* u li hu ma rahhomx isiru. Jghid li lanqas fejn kienu gew ikkagunati ma jaf, kull ma jaf hu li din il-karozza ilha tintuza minn bintu ghal dawn l-ahhar sena u nofs u qabel kienet tintuza mill-gharus tat-tifla l-ohra.

Jghid illi din il-karozza kien zammha ghaliex hu joqghod fl-imwarrab u meta jkollu hsara fil-karozza jista' juzaha pero' peress li kellha bzonnha bintu halliha tuzaha. Jghid li hu kien jiehu l-karozzi ghat-tiswija meta

kien ikollhom il-hsarat, pero' zied li l-imputat gieli ha l-karozzi ghat-tiswija wkoll. Tenna li hu ma rrapporta l-ebda hsarat.

**L-imputat Carmelo Sammut** kien irrilaxxja stqarrija fl-14 ta' Novembru, 2013 u stqarr li jinsab bla xoghol u ghandu l-hanut tieghu ta' *car dealer* maghluq. Jghid illi hu ghadu mizzewweg lil Dorianne, pero' bhalissa ghandhom kawza ta' separazzjoni ghaddejja l-Qorti. Jghid li t-tfal jghixu maghha pero' hu ghandu access ghal tlett darbiet fil-gimgha. Mistoqsi x'gara fil-31 t'Ottubru 2013, jghid li t-tfal kienu ghandu w bhal ma jaghmel dejjem nizzilhomlha w dahhalhom fil-karozza w ghalaq il-bibien. Jghid illi hu kien staqsiha kif kienu ser jibqghu fuq dak il-Kontro-Mandat tal-karozzi w hi wiegbet li l-avukata kienet diga' wegbitu w hu rega' qalilha li l-affarijiet kienet talbithom tliet affarijiet. Qal li mbaghad kienet offendietu w telqet minn fuq il-post. Sussegwentement hu kien hareg il-karozza w mar l-Ghassa jaghmel rapport li kienet offendietu.

Jghid illi kif wasal sab il-karozza taghha pparkjata quddiem l-ghassa u l-karozza ta' ohtha Gisella Napoli, Toyota Vitz bajda, *double parked*. Cahad li waqt li kien qed jitkellem ma' martu sar aggressiv u li ta daqqa fuq il-vettura ta' martu fuq il-bieba u l-bagoll. Jghid illi l-hsara fuq il-vettura taghha kienet ilha hemm, tant illi diga' hemm lega tas-sadid fuq il-pjanca w skond hu l-istima ta' Michael Debono Limited hi esagerata u hu kieku jistmaha ghal mija w hamsin Ewro (€150).

Jghid illi hi offendietu. Qal li hu kemm-il darba offrielha li jaghtu kollox kemm mobbli w kemm immobbli b'donazzjoni lil uliedhom minuri Noah u Nadege, izda hi bdiet tghajjat u tghidlu '*hwejgek tijhomlhom kemm trid izda hwejgi le'*.

Illi nhar it-12 ta Marzu 2015 **l-imputat Carmelo Sammut** xehed viva voce fil-Qorti w spjega kif nhar il-31 ta' Ottubru 2014 martu kienet marret tigbor it-tfal minghandu. Jghid li nizel minn gol-lift tal-appartamenti fejn jirrisjedi w hareg barra biex jghaddilha t-tfal. Jghid li bhas- soltu wliedu ghannquh, bisuh u fetah il-bieba tal-karozza biex idahhal it-tfal gewwa w itihom il-basktijiet. Wara ghalaq il-bieba tal-karozza w huma gew biex jitilqu. Jghid li huwa mar ma' genb il-mara biex ikellimha fuq kwistjoni ta' kontro-mandat li kellha tohrog fuq il-vetturi tieghu, pero' din kienet biddlet il-hsieb. Jghid li dak il-hin martu offendietu. Sussegwentement fetah il-garaxx u mar l-ghassa jaghmel rapport. Cahad li ghamel xi hsara fuq il-vettura ta' missierha, izjed w izjed quddiem uliedu. Jghid li martu kienet ipprezentat rikors quddiem il Qorti tal-Familja fejn kienet qed titlob li tinharigilha Ordni ta' Protezzjoni, pero' dan gie michud, kif jirrizulta mid-dokument li huwa esebixxa w li gie mmarkat bhala Dok Z. Jghid li dakinhar Dorianne kienet ipparkjata hdejn il-bankina w huwa dahhal it-tfal min-naha tax-xellug kif jaghmel is-soltu w mar ikellimha mill-bieba tax-xufier. Jichad li huwa kellimha min-naha tal passiggier ta' quddiem. Jghid li l-vettura in kwistjoni ghandha diversi daqqiet u brix. Cahad li ta xi daqqa fuq il-bieba tal-passiggier ghaliex hu fuq in-naha l-ohra tal-vettura kien. Qal li pero' huwa minnu li waqt argument kulhadd jgholli lehnu, anke hu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2015 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' dak li gara fil-jum tal-31 t'Ottubru 2013. Il-kwerelanti tghid li kien l-imputat zewgha li kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura ta' missierha tal-ghamla Toyota Platz numru ta' registrazzjoni GBD-198 w uza vjolenza kontra l-proprjeta' taghha, apparti li kiser il-paci pubblika. Il-verzjoni kif moghtija mill-imptutat hija dik li kienet il-kwerelanti li bdiet toffendih u li mhux minnu li huwa kkawza xi hsara volontarja. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Jigi rilevat pero', sa mill-bidu nett ta' din is-sentenza, li l-imputat ta l-verzjoni tieghu *a tempo vergine* tal-allegat incident meta gie nterrogat mill-pulizija esekuttiva nhar l-14 ta' Novembru 2013, u rega' ta l-istess spjegazzjoni meta xehed viva voce fil-Qorti nhar it-12 ta' Marzu 2015.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu; jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra; w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li

semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap. IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega f'aktar dettal ir-rapport li kienet ghamlet fil-konfront tal-imputat lill-pulizija esekuttiva u l-imputat ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed in sostenn tat-tezi tieghu. Jinghad ukoll

f'dan l-istadju li l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-Ligi u cioe *beyond reasonable doubt.* Cio' nonostante pero' l-imputat ghazel li jixhed u jaghti d-deposizzjoni tieghu.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Philip Zammit et</u>** u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer</u>**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller vs Minister of Pension</u>** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxi provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is*

*capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.  Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi.  Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.  Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Illi qabel ma tidhol u taghmel apprezzament tax-xhieda w tal provi prodotti dwar il-fatti, din il-Qorti thoss li ghandha tindirzza dak li issollevat id-difiza u cioe' li l-ewwel akkuza ma tistax tirrizulta ghaliex il-kwerelanti Francis Pace qatt ma pprezenta kwerela fil konfront ta' l-imputat odjern.

Jidher minn ezami tal-akkuzi odjerni li l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti.

“**325.** (1) Kull min, b’mezzi xort’oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew jagħrraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –

(*b*) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgħa u sittin Ewro w disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma jkun iżjed minn mija w sittax-il Ewro w sebgħa w erbgħin ċenteżmu (€116.47), il-piena ta’ priġunerija minn ħames xhur sa sena;”

Dan qed jinghad ghaliex l-istima li pprovdiet il-kwerlanti tistabilixxi li l-allegat hsara li kien hemm fil-vettura tammonta ghal sitt mija w sittin Ewro w sebgha w erbghin centezmu (€660.47), ghalhekk aktar minn mija w sittax-il Ewro w sebgħa w erbgħin ċenteżmu (€116.47). Dan qed jinghad ghaliex minkejja li l-istima provduta mill-kwerelanti tistabilixxi din is-somma, l-espert nominat mill-Qorti jghid li l-hsara tammonta ghal hames mija w ghaxar ewro w sebgha w erbghin centezmu (€510.47), ghalhekk xorta l-ammont jeccedi l-mija w sittax-il Ewro w sebgħa w erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Issa jirrizulta li skond il-*proviso* ta’ dan l-artikolu hemm bzonn kwerela tal-parti offiza f’zewg cirkostanzi - jew fil-kaz fejn il-hsara ma teccedix is-somma ta’ mija w sittax-il Ewro w sebgħa w erbgħin ċenteżmu (116.47); jew fit-tieni kaz jekk il-hsara tkun kagunata fi proprjeta’ pubblika. Ghalhekk jidher car li skond dan il-*proviso* l-pulizija ma kellhiex bzonn kwerela biex tinizja dawn il proceduri.

Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha tezamina x-xhieda w provi fid-dawl ta' l-akkuzi kollha sabiex tara jekk jirrizultawx provati ghas-sodisfazzjon taghha, w cioe' sal- grad rikjest mil-Ligi.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud principali lil Dorianne Sammut li tghid li hija kienet qed issuq il-vettura tal-ghamla Toyota Platz numru ta' registrazzjoni GBD-198 fil-jum tal-allegat incident. Tghid li kienet marret tigbor lil uliedha minuri minghand zewgha, meta wara li gabret lil uliedha w poggiethom fil-karozza inqala' argument bejnha u bejn zewgha fuq xi kontro-mandat li kellha tipprezenta. Tghid li zewgha rrabja w ta daqqa ta' ponn fuq il-bieba tal-passiggier kif ukoll tghatina ohra fuq il-bagoll, meta hija giet biex issuq.

Dan il-fatt hu korroborat mill-istima esebita mill-Prosekuzzjoni mahruga mis-socjeta' Michael Debono Limited fejn hemm indikat it-tip ta' hsara li kellha l-karozza fejn hemm indikat li kellu jsir *spray* fuq il-"boot lid & L.H front door". Illi l-imputat ikkontesta din l-istima w talab li jigi nominat espert sabiex jezamina l-vettura w jirrelata dwar dak li kkonstata in konnessjoni mal-allegazzjoni odjerna.

F'dan ir-rapport l-espert ikkonkluda u ighid illi l-vettura kellha:- "... *taghtina fuq il-parti ta' fuq tal-bieba ta' quddiem tax-xellug passenger door li fuqha tinsab taghtina maqrusa u bi brix bs-sadid...*"

Jghid ukoll b'referenza ghal din it-taghtina li *"...ma tidhirx li giet ikkagunata ma' xi habta ma' xi vettura, imma li setghet giet ikkagunata volontarjament b'daqqa bl-idejn li ffurmat l-ghafisa*".

Izid jghid ukoll li *"hsara ohra simili tinsab fuq il-parti ta' wara in-naha tax-xellug fuq il-luggage booth lid.."*

Jghid li l-valur tal-hsara tammota ghal €510.47.

Min-naha l-ohra l-imputat jammetti li kien mar ikellem lill-mara wara li kien rikkeb it-tfal, u dan fuq kwistjoni ta' xi kontro-mandat. Jammetti li kellhom xi jghidu tant li mar jaghmel rapport l-ghassa ghaliex stqarr li l-mara offendietu, pero' jichad li kkawza l-hsara kif minnha allegat.

Ghalhekk din hija kwistjoni ta' kredibilita'. Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda w rat il-komportament taghhom. Veru li l-kwerelanti kienet kawta, kalma w spjegat fid-dettal dak li gara u li l-imputat - kif jghidlu l-avukat difensur tieghu stess - huwa bniedem fokuz, nervuz u jgholli lehnu facilment. Pero' xorta jibqa' l-fatt li l-hsara li allegat il-kwerelanti giet konstatata u ghlhekk fid-dawl ta' dak li qalet l-istess Dorianne Sammut din il-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-fatti kif spjegati minnha.

Dwar it-tieni akkuza, w cioe' li l-imputat ikkaguna vjolenza kontra l-persuna ta' Dorianne Sammut u kontra l-proprjeta' taghha. Ghalkemm il-Ligi tghid fl-**Artikolu 251B tal-Kap. 9** li "l-*biza li ssir vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti*" u ghalhekk

mhux kwistjoni li ghax il-vettura ma tappartjenix lil Dorianne Sammut allura r-reat ma jezistix. In oltre dan l-artikolu jipprovdi li "*tkun ħatja ta' reat jekk dik il-persuna tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet...*"

F'dan ir-rigward il-Qorti ssostni li dak li gie ppruvat f'din il-kawza fil-konfront ta' Dorianne Sammut sehh f'okkazzjoni unika w ghalhekk l-imgieba tal-imputat ma tista' qatt twassal ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi, peress li fil-fehma ta' din il-Qorti l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika tal-anqas zewg okkazzjonijiet. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** tal-24 ta' April 2009. F'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie spirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti f'*"on at least two occasions"*. Din il-Qorti kif preseduta taqbel ma' dan u ghalhekk qed tilliberah minn din l-akkuza.

Dwar it-tielet akkuza, w cioe' li kiser il-paci pubblika, l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal l-imputat stess, u cioe' meta jargumenta li kulhadd jgholli lehnu hu inkluz, u ghalhekk din l-akkuza hija ben provata.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' l-Artikoli 251A, 325(b) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ssib lill-imputat CARMELO SAMMUT hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza w tikkundannah ihallas multa**

**ta’ erba’ mitt Ewro (€400) filwaqt li ma ssibux hati tat-tieni (2) akkuza w tilliberah minnha.**

Tobbliga lill-imputat, taht penali ta’ mitejn u hamsin Ewro (€250) ghall perijodu ta’ sitt (6) xhur sabiex izomm il-bon ordni pubblika, ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Magistrat